



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

24 ta' Novembru 2021*

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja – Iffriżar ta’ fondi – Żbalji ta’ evalwazzjoni”

Fil-Kawża T-257/19,

Khaldoun Al Zoubi, residenti f'Damasku (is-Sirja), irrappreżentat minn L. Cloquet, avukata,

rikorrent,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn S. Kyriakopoulou u V. Piessevaux, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/87 tal-21 ta' Jannar 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2019, L 18 I, p. 13), tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/85 tal-21 ta' Jannar 2019 li jiplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2019, L 18 I, p. 4), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/806 tas-17 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2019, L 132, p. 36, rettifika fil-ĠU 2019, L 234, p. 31), tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/798 tas-17 ta' Mejju 2019 li jiplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2019, L 132, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 234, p. 31), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/719 tat-28 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2020, L 168, p. 66), u tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/716 tat-28 ta' Mejju 2020 li jiplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2020, L 168, p. 1), inkwantu dawn l-atti jikkonċernaw l-rikorrent,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise u J. Martín y Pérez de Nanclares (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: B. Lefebvre, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020,
tagħti l-preżenti

Sentenza¹

Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-fatti sussegwenti għall-preżentata tar-rikors

[omissis]

- 12 Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/87 tal-21 ta' Jannar 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255 (ĠU 2019, L 18 I, p. 13), u permezz tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/85 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament Nru 36/2012 (ĠU 2019, L 18 I, p. 4) (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, l-“atti inizjali”), isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-linjal 268 tat-Taqsima A tal-listi tal-ismijiet tal-persuni, entitajiet u organi suġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255 u fl-Anness II tar-Regolament Nru 36/2012 (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-“listi inkwistjoni”), bl-indikazzjoni tar-raġunijiet sussegwenti:

“Negożjant prominenti li jopera fis-Sirja, b’interessi u attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja; inkluż ir-rwoli tiegħu bħala Viċi President ta’ Aman Holding u azzjonist maġġoritarju tal-linjal tal-ajru Fly Aman. Fil-kapaċità tiegħu, huwa marbut ma’ Samer Foz. Aman Holding huwa rrappreżentat fuq il-bord ta’ ‘Aman [Dimashq]’, impriżza konġunta fil-kostruzzjoni ta’ Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta’ lussu appoġġat mir-reġim, u għandu sehem maġġoritarju fiha. [Al Zoubi] jibbenefika mir-reġim u/jew jappoġġah permezz tal-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President ta’ Aman Holding.”

[omissis]

- 16 Fis-17 ta’ Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/806 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255 (ĠU 2019, L 132, p. 36, rettifika fil-ĠU 2019, L 234, p. 31), li estendiet l-applikazzjoni ta’ din l-aħħar deċiżjoni sal-1 ta’ ġunju 2020; fl-istess jum, il-Kunsill adotta wkoll ir-Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) 2019/798 li jimplimenta r-Regolament Nru 36/2012 (ĠU 2019, L 132, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 234, p. 31), (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, l-“atti ta’ żamma tal-2019”). Issem ir-rikorrent inżamm flinjal differenti, il-linjal 286 tat-Taqsima A tal-listi inkwistjoni abbażi ta’ raġunijiet identiċi għal dawk li jinsabu fl-atti inizjali.

[omissis]

- 21 Fit-28 ta’ Mejju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/719 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255 (ĠU 2020, L 168, p. 66), li estendiet l-applikazzjoni ta’ din l-aħħar deċiżjoni sal-1 ta’ ġunju 2021, u r-Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) 2020/716 li jimplimenta r-Regolament Nru 36/2012 (ĠU 2020, L 168, p. 1) (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, l-“atti ta’

¹ Qed jiġu rriprodotti biss il-punti ta’ din is-sentenza li l-Qorti ġeneralis tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

żamma tal-2020”). Isem ir-rikorrent inżamm fil-linja 286 tat-Taqsima A tal-listi inkwistjoni, taħt raġunijiet parjalment differenti minn dawk imsemmija fl-atti ta’ żamma tal-2019. Il-Kunsill iġġustifika l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tiegħu billi indika r-raġunijiet sussegwenti:

“Negożjant prominenti li jopera fis-Sirja, b’interessi u attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja; inkluż ir-rwoli tiegħu bħala Viċi President ta’ Aman Holding u azzjonist maġġoritarju tal-linja tal-ajru Fly Aman (sa Frar 2019). Fil-kapaċită tiegħu, huwa marbut ma’ Samer Foz. Aman Holding huwa rrappreżentat fuq il-bord ta’ ‘Aman [Dimashq]’, impriżza konġunta fil-kostruzzjoni ta’ Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta’ lussu appoġġat mir-reġim, u għandu sehem maġġoritarju fiha. [Al Zoubi] jibbenefika minn u/jew jappoġġa lir-reġim Sirjan. Membru fundatur ta’ ‘Asas Iron Company’.”

[*omissis*]

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 23 Permezz ta’ att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta’ April 2019, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors intiż għall-annullament tal-atti inizjali, inkwantu dawn l-atti jikkonċernawh.
- 24 Permezz ta’ att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta’ Lulju 2019, ir-rikorrent, abbażi tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, adatta r-rikors, b’mod illi dan huwa intiż ukoll għall-annullament tal-atti ta’ żamma tal-2019, inkwantu dawn l-atti jikkonċernawh. Ir-rikorrent tenna wkoll it-talbiet li kienu jinsabu fir-rikors.
- 25 Fit-8 ta’ Awwissu 2019, il-Kunsill ippreżenta fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali r-risposta u l-osservazzjonijiet dwar l-ewwel nota ta’ adattament.
- 26 Ir-replika ġiet ippreżentata fl-1 ta’ Ottubru 2019.
- 27 Permezz ta’ deċiżjoni tas-17 ta’ Ottubru 2019, il-President tal-Qorti Ġenerali, b’applikazzjoni tal-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura, assenja mill-ġdid il-kawża lil Imħallef Relatur ġdid, assenja lir-Raba’ Awla.
- 28 Il-kontroreplika ġiet ippreżentata fit-8 ta’ Jannar 2020.
- 29 Il-fażi bil-miktub tal-proċedura ngħalqet fit-8 ta’ Jannar 2020.
- 30 Fil-kuntest tal-miżuri ta’ organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89(3)(a) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali, fit-23 ta’ Lulju 2020, talbet lill-Kunsill iwieġeb għal sensiela ta’ mistoqsijiet Il-Kunsill wieġeb għall-mistoqsijiet fit-terminu mogħti.
- 31 Permezz ta’ att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta’ Awwissu 2020, ir-rikorrent, abbażi tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura, adatta r-rikors għat-tieni dabra, b’mod li dan huwa intiż ukoll għall-annullament tal-atti ta’ żamma tal-2020, inkwantu dawn l-atti jikkonċernawh. Ir-rikorrent tenna wkoll it-talbiet li kienu jinsabu fir-rikors kif ukoll fl-ewwel nota ta’ adattament u ressaq argumenti ġodda.

- 32 Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89(3)(d) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġeneral, fit-30 ta' Settembru 2020, talbet lill-Kunsill jipproduċi dokument. Il-Kunsill ikkonforma ruħu ma' din it-talba fit-terminu mogħti. Matul is-seduta li nżammet fil-21 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrent ma ppreżentax osservazzjonijiet dwar it-tweġibet tal-Kunsill għall-miżuri ta' organizzazzjoni differenti deċiżi mill-Qorti Ġeneral.
- 33 Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-tieni nota ta' adattament.
- 34 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020.
- 35 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:
- tannulla l-atti inizjali, l-atti ta' żamma tal-2019 u l-atti ta' żamma tal-2020 (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, l-“atti kkontestati”) inkwantu dawn jikkonċernaw;
 - tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.
- 36 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:
- tiċħad ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż;
 - sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tannulla l-atti kkontestati inkwantu dawn jikkonċernaw lir-rikorrent, tordna ż-żamma tal-effetti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2019/87 kif ukoll tad-Deċiżjonijiet 2019/806 u 2020/719 inkwantu dawn jikkonċernaw lir-rikorrent, sad-dħul fis-seħħi tal-annullament tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni 2019/85, 2019/798 u 2020/716 inkwantu dawn jikkonċernaw lir-rikorrent.

Id-dritt

[omissis]

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji ta' evalwazzjoni

- 39 Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jikkontesta li huwa negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja. F'dan ir-rigward, huwa jikkontesta l-elementi meqjusa mill-Kunsill sabiex jinkludi ismu fil-listi inkwistjoni. B'mod partikolari, ir-rikorrent isostni li teżisti distinzjoni ċara bejn il-pożizzjoni ta' kap tad-diretturi eżekuttivi ta' Aman Holding JSC li huwa okkupa u l-pożizzjoni ta' Viċi President. Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li huwa rriżenja b'effett immedjat minn din il-pożizzjoni. Sussegwentement, huwa jirriko onnxi li huwa l-fundatur u l-azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman LLC, iżda jsostni li huwa ttrasferixxa l-ishma kollha tiegħu. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tar-rikorrent adottata mill-Kunsill bħala “kap ta’ impriża attiv f’diversi setturi fis-Sirja u barra mill-pajjiż” ma hijiex issostanzjata, peress li d-Dokument WK 47/2019 INIT jirreferi biss għal żewġ kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fis-Sirja u li fir-rigward tagħhom il-Kunsill jista' jipprova li huwa ħadem magħhom u l-allegat status tiegħu. Ir-rikorrent ma huwiex, direttament jew indirettament, involut fil-proġett Marota City, b'mod li huwa ma setax jiżviluppa

artijiet esproprjati li jappartjenu lil persuni spostati minħabba l-kunflitt fis-Sirja, fatt li pprekludihom milli jerġgħu lura d-dar tagħhom. Barra minn hekk, il-kompli fdati lir-rikorrent bħala impjegat ta' Aman Holding, azzjonista ta' Aman Damascus JSC (iktar 'il quddiem "Aman Dimashq"), responsabbli għad-drittijiet ta' kostruzzjoni ta' parti mill-artijiet ta' Marota City, qatt ma inkludew is-superviżjoni tal-aktivitajiet ta' din tal-aħħar li kienet irriżervata lil impjegat ieħor, Bashar Assi. Fl-aħħar, skont ir-rikorrent, il-proġett Marota City fl-ebda każ ma jirrigwarda l-iżvilupp ta' artijiet esproprjati, b'mod li la l-proġett Marota City kollu kemm hu u lanqas Aman Dimashq ma jistgħu jiġu kklassifikati bħala impriżi li jibbenfikaw mill-appoġġ tal-Istat.

- 40 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2020, ir-rikorrent jikkontesta r-raġuni l-ġdida ġħall-inklużjoni ta' ismu, relatata mal-kwalità tiegħu ta' membru fundatur ta' Asas Iron Company u jsostni, f'dan ir-rigward, li huwa qatt ma kien il-fundatur jew il-proprietarju ta' Asas Iron Company u qatt ma kien involut mod ieħor f'din il-kumpannija, u lanqas ma kien marbut magħha.
- 41 Fit-tielet lok, ir-rikorrent isostni li l-Kunsill ma pprovdien biżżejjed informazzjoni li tipprova li huwa għandu rabta mar-reġim Sirjan. Barra minn hekk, il-provi marbuta mal-kisba taċ-ċittadinanza Libaniża mir-rikorrent jistabbilixxu li huwa ma jagħmlilx parti miċ-ċirku ristrett ta' negozjanti qrib ir-reġim Sirjan u li huwa assolutament ma huwiex assoċjat mal-imsemmi reġim.
- 42 Fir-raba' lok, diversi dokumenti jikkonċernaw lil Samer Foz jew lil kumpanniji oħra marbuta miegħu, iżda li magħhom ir-rikorrent ma huwiex assoċjat, bħal pereżempju Aman Dimashq. Barra minn hekk, ebda wieħed mid-dokumenti tad-Dokument WK 47/2019 INIT ma jirreferi espliċitament għar-rabta preżunta tar-rikorrent mar-reġim Sirjan. Għall-kuntrarju, ir-rikorrent jirrikonoxxi li, bħala semplice impjegat ta' Aman Holding, huwa preċedentement kellu rabtiet professjonal ma' S. Foz.
- 43 Il-Kunsill jikkontesta l-argumenti tar-rikorrent.

Kunsiderazzjonijiet preliminari

[*omissis*]

- 51 Għandu jitfakkar li l-kriterji ġenerali ta' inklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 27(1) u fl-Artikolu 28(1) tad-Deċiżjoni 2013/255, kif emendata bid-Deċiżjoni 2015/1836, riprodotti, fir-rigward tal-ifriżar tal-fondi, fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 36/2012, kif emendat bir-Regolament 2015/1828, jipprevedu li l-persuni u l-entitajiet li jibbenfikaw mill-politika mħaddna mir-reġim Sirjan jew li jappoġġjawh għandhom ikunu suġġetti għal miżuri restrittivi. Bl-istess mod, l-Artikolu 27(2)(a) u (3) u l-Artikolu 28(2)(a) u (3) tad-Deċiżjoni 2013/255, kif emendata bid-Deċiżjoni 2015/1836, riprodotti, fir-rigward tal-ifriżar tal-fondi, fl-Artikolu 15(1a)(a) u (1b) tar-Regolament Nru 36/2012, kif emendat bir-Regolament 2015/1828, jipprevedu li l-kategorija tan-“negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja” għandha tkun suġġetta għal miżuri restrittivi, ħlief jekk ikun hemm informazzjoni biżżejjed li tindika li huma ma humiex, jew ma humiex iktar, marbuta mar-reġim, jew li huma ma jeżerċitaw ebda influwenza fuqu jew li huma ma humiex assoċjati ma' riskju reali ta' evażjoni.
- 52 Mir-raġunijiet għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni, imsemmija fil-punti 12 u 21 iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi dedott li isem dan tal-aħħar ġie inkluż u miżimum fil-listi inkwistjoni minħabba, l-ewwel, l-istatus tiegħu ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-aktivitajiet

tiegħu fis-Sirja u, it-tieni, ir-rabta tiegħu mar-reġim Sirjan. Fi kliem ieħor, l-inklużjoni ta' isem ir-rikkorrent hija bbażata, minn naħħa, fuq il-kriterju ddefinit fl-Artikolu 27(2)(a) u fl-Artikolu 28(2)(a) tad-Deċiżjoni 2013/255, kif emendata bid-Deċiżjoni 2015/1836, u fl-Artikolu 15(1a)(a) tar-Regolament Nru 36/2012, kif emendat bir-Regolament 2015/1828 (kriterju ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja) u, min-naħħa l-oħra, fuq il-kriterju ddefinit fl-Artikolu 27(1) u fl-Artikolu 28(1) tal-imsemmija deċiżjoni u fl-Artikolu 15(1)(a) tal-imsemmi regolament (kriterju ta' assoċjazzjoni mar-reġim).

- 53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, għalkemm il-Kunsill sostna, fil-kuntest tas-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, li r-rikkorrent kien ġie inkluż fil-listi inkwistjoni abbażi biss tal-kriterju ta' inklużjoni msemmi fl-Artikolu 27(2)(a) u fl-Artikolu 28(2)(a) tad-Deċiżjoni 2013/255, kif emendata bid-Deċiżjoni 2015/1836, huwa, għall-kuntrarju, iddikjara, waqt is-seduta, li r-rikkorrent kien ġie inkluż abbażi ta' tliet kriterji ta' inklużjoni. Fil-fatt, minbarra ż-żewġ kriterji msemmija fil-punt 52 iktar 'il fuq, il-Kunsill indika li r-rikkorrent kien ġie inkluż minħabba r-rabtiet tiegħu ma' S. Foz. Konsegwentement, l-inklużjoni tiegħu hija bbażata wkoll fuq il-kriterju ddefinit fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 27(2) u fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni 2013/255, kif emendata bid-Deċiżjoni 2015/1836, u fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 15(1a) tar-Regolament Nru 36/2012, kif emendat bir-Regolament Nru 2015/1828 (persuni u entitajiet li huma marbuta mal-persuni u l-entitajiet li jaqgħu taħt wieħed mill-kriterji ta' inklużjoni fil-listi tal-Unjoni). Madankollu, fil-kuntest tar-raġunijiet għal inklużjoni ppreżentati mill-Kunsill fl-atti kkontestati, it-tieni sentenza tal-imsemmija raġunijiet, li skontha r-rikkorrent “[f]il-kapaċità tiegħu, huwa marbut ma' Samer Foz”, tista' tintiehem biss b'riferiment għall-ewwel sentenza li, min-naħħa tagħha, tirreferi għall-kriterju ta' negozjant prominenti. Konsegwentement, isem ir-rikkorrent tabilħaqq ġie inkluż u miżnum fil-listi inkwistjoni abbażi taż-żewġ kriterji msemmija fil-punt 52 iktar 'il fuq.

[omissis]

Fuq l-istatus ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja

- 81 Għandu jiġi vverifikat jekk il-provi kollha prodotti mill-Kunsill jissodisfawx l-oneru tal-prova impost fuqu bis-saħħha tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 46 iktar 'il fuq u jikkostitwixxu għalhekk sensiela ta' indizzi suffiċċientement konkreti, preċiżi u konkordanti sabiex tiġi ssostanzjata l-ewwel raġuni għal inklużjoni.
- 82 F'dan ir-rigward, il-Kunsill qies li r-rikkorrent huwa negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja minħabba l-interessi u l-attivitajiet li huwa għandu f'bosta setturi tal-ekonomija Sirjana. Fir-rigward tal-atti inizjali u tal-atti ta' żamma tal-2019, il-provi li jirriżultaw mid-Dokument WK 47/2019 INIT jirrigwardaw żewġ attivitajiet prinċipali, jiġifieri, minn naħħa, l-istatus ta' azzjonist maġġoritarju tal-kumpannija tal-ajru Fly Aman tar-rikkorrent u, min-naħħa l-oħra, l-istatus tiegħu ta' Viċi President ta' Aman Holding, kumpannija rrappreżentata fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Aman Dimashq, li hija impriżza konġunta attiva fil-proġett Marota City. Jissemmew ukoll ir-rabtiet li r-rikkorrent għandu ma' S. Foz. Fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2020, minbarra l-elementi msemmija iktar 'il fuq, il-provi addizzjonal, li jirriżultaw mid-Dokument WK 3600/2020 REV 1, isemmu l-fatt li r-rikkorrent huwa soċju fundatur ta' Asas Iron Company.
- 83 Għaldaqstant, huwa neċċesarju li jiġi eżaminat kull wieħed minn dawn l-elementi.

– *Fuq l-istatus ta' azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman*

[omissis]

- 85 Mill-artikli ppubblikati fis-siti internet “meirss.org”, “Aliqtisadi” u “7al.net”, riprodotti fid-Dokument WK 47/2019 INIT, jirriżulta li r-rikorrent huwa l-azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman u għandu f'dan ir-rigward 90 % tal-ishma ta' din il-kumpannija. Barra minn hekk, l-artiklu ppubblikat fis-sit internet Sirjan “7al.net” jindika li huwa waqqaf, b'kooperazzjoni man-negożjant B. Assi, kumpannija tal-ajru ġdida, Fly Aman. Skont dan is-sit internet, il-Ministeru għall-Kummerċ Intern u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi Sirjan irratifika l-istatutu ta' din tal-aħħar. Fl-aħħar nett, mill-artiklu tas-sit internet “Aliqtisadi”, ippreżentat fid-Dokument WK 3600/2020 REV 1, jirriżulta wkoll li r-rikorrent huwa l-president u l-fundatur konġunt ta' Fly Aman.
- 86 Ir-rikorrent jikkontesta dan u jsostni li huwa ma għandu ebda sehem fi Fly Aman, peress li huwa ttrasferixxa s-sehem kollu tiegħu. Għal dan il-ġħan, huwa jiproduċi ċ-ċertifikat ta' regiestrazzjoni ta' Fly Aman, tat-28 ta' Mejju 2018, u l-istatutu ta' Fly Aman, irratifikati fit-22 ta' Frar 2018, li minnhom jirriżulta, esenzjalment, li inizjalment huwa kien l-azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman mal-kumpannija B. Huwa jiproduċi wkoll ir-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3, tal-14 ta' Frar 2019, tal-Ministeru għall-Kummerċ Intern u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi Sirjan li tirreferi għal ittra rreġistrata mibgħuta minn Fly Aman. Ir-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3 tindika li s-sehem fi ħdan Fly Aman tar-rikorrent ġie ttrasferit, parżjalment, lill-kumpannija B (fejn il-parti tal-azzjonijiet miżmuma issa tammonta għal 20%) u, parżjalment, lill-azzjonisti C u D li t-tnejn li huma għandhom sehem li jirrappreżenta, b'kollo, 80 % tal-ishma tal-kapital ta' Fly Aman.
- 87 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-legalità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata abbażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data li fiha l-att ikun ġie adottat (ara s-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et vs* Il-Kummissjoni, C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Settembru 2015, NIOC *et vs* Il-Kunsill, T-577/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:596, punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 88 F'dan il-każ, fir-rigward tal-atti inizjali, għandu jiġi rrilevat li t-trasferiment tal-ishma fi Fly Aman miżmuma mir-rikorrent, kif ikkonfermat mir-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3, seħħ wara d-data tal-adozzjoni tagħhom. Għaldaqstant, ir-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3 ma tistax tikkontesta l-legalità tal-atti inizjali, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 87 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, l-istatutu ta' Fly Aman, tat-22 ta' Frar 2018, jikkonfermaw li r-rikorrent kien, fid-data tal-adozzjoni tal-atti inizjali, azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman. Fi kwalunkwe każ, hekk kif ġustament iqajjem il-Kunsill, l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa ma għadx għandu azzjonijiet tikkonferma li huwa kellu tali azzjonijiet. Għaldaqstant, din il-parti tar-raġunijiet tal-atti inizjali hija fondata.
- 89 Fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2019, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha tal-legalità tal-inklużjoni ta' isem persuna jew entità fil-listi stabbiliti mill-Kunsill, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika l-eżattezza materjali tal-fatti allegati fir-rigward tal-informazzjoni jew tal-provi pprovduti mill-awtoritā kompetenti tal-Unjoni u li għandha tevalwa s-saħħha probatorja ta' dawn tal-aħħar fid-dawl tal-eventwali osservazzjonijiet ippreżentati, b'mod partikolari, mill-persuna jew mill-entità kkonċernata fir-rigward tagħhom, hekk kif imfakkar fil-punt 48 iktar 'il fuq. Għalhekk, il-qorti tal-Unjoni tista' tibbaża ruħha fuq il-provi kollha li ġew ikkomunikati lilha kemm inkriminanti kif ukoll skaġunanti mill-partijiet

matul il-proċedura ġudizzjarja. F'dan ir-rigward, mill-premessha 15 tad-Deċiżjoni 2015/1836 jirriżulta li “[i]d-deċiżjonijiet kollha dwar l-elenkar għandhom isiru fuq bażi individwali u skont il-każ b'kont meħud tal-proporzjonalità tal-miżura”.

- 90 Issa, mill-atti tal-proċess jirriżulta li r-rikorrent wera li ttrasferixxa l-ishma fi Fly Aman li huwa kelli. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ipproduċa r-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3, li tippreċedi d-data tal-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2019. Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Kunsill ammetta, fl-atti ta' żamma tal-2020, il-fatt li r-rikorrent ma kienx għadu, mix-xahar ta' Frar 2019, azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman. Fil-fatt, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-atti ta' żamma tal-2020 tirrifletti l-kontenut tar-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3, peress li dan tal-aħħar isemmi d-data effettiva tat-trasferiment ta' dan is-sehem, jiġifieri “Frar 2019”.
- 91 Barra minn hekk, il-fatt li l-Kunsill ma setax, waqt l-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2019, ikun jaf bir-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3, fid-dawl tat-tixrid limitat ta' din id-deċiżjoni lil xi korpi amministrativi, ma jistax jillimita l-eżami tal-legalità tal-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent imwettaq mill-qorti tal-Unjoni. Bl-istess mod, l-evalwazzjoni tal-legalità tal-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni ma tistax tkun limitata għall-fatt li r-rikorrent ma invokax ir-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3 fil-kuntest tal-iskambji tiegħu mal-Kunsill matul il-proċedura ta' eżami mill-ġdid li seħħet qabel l-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2019 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2012, Oil Turbo Compressor vs Il-Kunsill, T-63/12, EU:T:2012:579, punti 21 sa 24). Konsegwentement, hemm lok li jiġi konkluż li r-rikorrent wera, fil-kuntest ta' din il-proċedura, li huwa ma kienx iktar azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman fid-data tal-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2019.
- 92 Għaldaqstant, dan l-element tar-raġunijiet tal-atti ta' żamma tal-2019 ma huwiex fondat.
- 93 Fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2020, għandu jiġi osservat li l-Kunsill żamm isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni minħabba l-istatus tiegħu ta' azzjonist maġġoritarju filwaqt li ċċita, madankollu, id-data tat-trasferiment tal-ishma fil-pussess tar-rikorrent fi Frar 2019.
- 94 Issa, f'dan il-każ, mid-Dokument WK 3600/2020 REV 1 ma jirriżultax li l-Kunsill ippreżenta indizji serji u konkordanti li jippermettu raġonevolment li jitqies li r-rikorrent żamm rabtiet ma' Fly Aman filwaqt li huwa ma kellux iktar ishma f'din il-kumpannija fid-data tal-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2020. It-tliet artikli tas-siti internet “Eqtsad News”, “Aliqtisadi” u “newturkpost.com” ġew fil-fatt jew ikkonsultati jew ippubblikati wara r-Riżoluzzjoni 2274/169/12/3, iżda ma jagħmlux riferiment għat-trasferiment ta' ishma, u lanqas għall-eżistenza ta' rabtiet oħra bejn Fly Aman u r-rikorrent. Għalhekk, id-Dokument WK 3600/2020 REV 1 ma jinkludi ebda prova ta' natura li tiġġustifika li, minkejja t-trasferiment tal-ishma fi Frar 2019, din l-indikazzjoni kellha tinżamm fir-raġunijiet għal inklużjoni. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, waqt is-seduta, għalkemm il-Kunsill sostna li, minkejja l-fatt li r-rikorrent kien irrinunzja għal dan is-sehem, dan il-fatt kien jikkostitwixxi indizju li huwa kien għadu negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitatiet tiegħi fis-Sirja, huwa ma ssostanzjax l-argument tiegħu.
- 95 Għaldaqstant, dan l-element tar-raġunijiet tal-atti ta' żamma tal-2020 ma huwiex fondat.
- 96 Minn dan isegwi li, fir-rigward tal-element tar-raġunijiet relatati mas-sehem maġġoritarju tar-rikorrent fi ħdan Fly Aman, huwa biss dak li jirrigwarda r-raġunijiet tal-atti inizjali li huwa fondat.

– *Fuq l-istatus ta' Viċi President ta' Aman Holding*

- 97 Mill-estratt tal-blog “Salon Syria”, tas-7 ta’ Ġunju 2018, u mill-artiklu tas-sit internet “meirss.org”, li jirriżultaw mid-Dokument WK 47/2019 INIT, jirriżulta li r-rikorrent huwa l-Viċi President ta’ Aman Holding, fatt li huwa kkonfermat mill-artikli li joriġinaw mis-siti internet “Eqtsad News”, “Alqtisadi” u “newturkpost.com”, inklużi fid-Dokument WK 3600/2020 REV 1. Barra minn hekk, l-artiklu tas-sit internet “7al.net”, inkluż fid-Dokument WK 47/2019 INIT, jiddeskrivi lir-rikorrent bħala impjegat ta’ kumpannija miżmuma minn S. Foz.
- 98 Madankollu, mingħajr ma huwa kkontestat fuq dan il-punt mill-Kunsill, ir-rikorrent jiċħad li okkupa l-pożizzjoni ta’ Viċi President ta’ Aman Holding u jsostni li huwa kien jokkupa l-funzjoni ta’ kap tad-diretturi eżekuttivi fi ħdan Aman Holding. Sabiex juri dan, huwa jiproduċi l-kuntratt ta’ xogħol tiegħu, tat-18 ta’ Jannar 2017. Insostenn tal-allegazzjoni tiegħu, huwa jiproduċi wkoll l-istatuti ta’ Aman Holding kif ukoll iċ-ċertifikat ta’ regiżazzjoni “preċedenti” ta’ din il-kumpannija, li juru b’mod ċar l-eżistenza ta’ distinzjoni bejn, minn naħħa, il-Bord tad-Diretturi li huwa ma kienx ipoġġi fuqu u, min-naħħa l-oħra, id-diretturi eżekuttivi, li huwa kien parti minnhom. B’hekk, ir-rikorrent huwa indikat fihom bħala li jokkupa l-funzjoni ta’ kap tad-diretturi eżekuttivi tal-kumpannija. Konsegwentement, ir-rikorrent wera b’mod validu, bl-ghajjnuna tal-kuntratt ta’ xogħol tiegħu tat-18 ta’ Jannar 2017, tal-istatuti ta’ Aman Holding u taċ-ċertifikat ta’ regiżazzjoni ta’ din il-kumpannija, li joriġina mill-amministrazzjoni Sirjana u li l-affidabbiltà tiegħu ma ġietx, barra minn hekk, ikkонтestata mill-Kunsill, li huwa ma kienx jokkupa l-pożizzjoni ta’ Viċi President ta’ Aman Holding.
- 99 Minn dan isegwi li l-element tar-raġunijiet tal-atti kkontestati relatati mal-funzjoni ta’ Viċi President ta’ Aman Holding okkupata mir-rikorrent ma huwiex fondat.
- *Fuq is-sehem ta’ Aman Holding, li hija rrappreżentata fuq il-Bord tad-Diretturi ta’ Aman Dimashq, impriżza konġunta attiva fil-kostruzzjoni ta’ Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta’ lussu appoġġjat mir-reġim Sirjan*
- 100 Preliminarjament, għandu jinftiehem, hekk kif ikkonferma l-Kunsill waqt is-seduta, li r-raġunijiet tal-atti kkontestati bil-Franċiż li jippreċiżaw li “Aman Holding est représentée au conseil d’administration d’Aman [Dimashq] (dans lequel il détient une participation majoritaire)” jinkludu żball ta’ traduzzjoni. Fil-fatt, kunrarjament għal dak li jista’ jinftiehem, hija tabilħaqq Aman Holding li għandha sehem maġġoritarju fi ħdan Aman Dimashq u mhux ir-rikorrent. Għaldaqstant, ma huwiex ikkонтestat bejn il-partijiet li r-rikorrent ma għandu ebda sehem fi ħdan Aman Dimashq.
- 101 Qabel kollox, ir-rikorrent isostni li l-unika rabta li tista’ tkun teżisti bejnu u l-proġett Marota City tinsab fil-fatt li Aman Holding hija azzjonista tal-impriżza konġunta Aman Dimashq. F’dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li mis-sottomissionijiet bil-miktub tar-rikorrent jirriżulta li Aman Holding għandha 40 % tal-ishma ta’ Aman Dimashq u li l-azzjonisti l-oħra ta’ din l-impriżza konġunta, Foz for Trading u Damascus Cham Holding, għandhom, rispettivament, 11 % u 49 % tal-ishma tagħha. Għal dan il-ġhan, minn dan it-tqassim tal-ishma jista’ jiġi dedott li Aman Holding għandha ġerta setgħa deċiżjonali fi ħdan il-Bord tad-Diretturi ta’ Aman Dimashq.
- 102 Sussegwentement, mingħajr ma huwa neċċessarju li jiġi analizzat fid-dettall il-proġett Marota City, għandu jitfakkar li, fil-punt 99 iktar ’il fuq, ġie stabbilit li l-Kunsill kien qies b’mod żbaljat l-istatus ta’ Viċi President ta’ Aman Holding tar-rikorrent sabiex juri l-istatus tiegħu ta’ negozjant

prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja. Minn dan jirriżulta li, *a fortiori*, il-Kunsill ma jistax jallega l-parteċipazzjoni tar-rikorrent, bħala Viċi President ta' Aman Holding, fil-proġett Marota City sabiex jistabbilixxi l-imsemmi status.

- 103 Fi kwalunkwe każ, hekk kif irrikonoxxiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 98 iktar 'il fuq, ir-rikorrent wera b'mod validu li huwa kien jeżerċita l-funzjonijiet ta' kap tad-diretturi eżekuttivi fi ħdan Aman Holding u mhux dawk ta' Viċi President. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrent tabilħaqq jinsab fl-organigramma tal-kumpannija, li huwa għandu ġertu numru ta' delegazzjonijiet ta' setgħat u li huwa inkarigat mis-superviżjoni tad-diretturi eżekuttivi u b'hekk mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet strateġiċi ta' Aman Holding, iżda huwa jibqa' impiegat ta' Aman Holding, fatt li ma huwiex ikkонтestat mill-Kunsill. Barra minn hekk, ir-rikorrent jallega, ġustament, li l-kompli fdati lilu bħala impiegat ta' Aman Holding qatt ma inkludew is-superviżjoni tal-attivitajiet ta' Aman Dimashq. Dan il-kompli huwa rriżervat lil impiegat ieħor, jiġifieri B. Assi, li, għal dan il-għan, inħatar President tal-Bord tad-Diretturi ta' Aman Dimashq, bil-ġħan li jżomm informat lill-Bord tad-Diretturi ta' Aman Holding dwar l-iżvilupp ta' Aman Dimashq, fatt li huwa, esenzjalment, ikkonfermat mill-paġna li tirriżulta mis-sit internet "Damacham.sy" ta' Damascus Cham Holding. B'hekk, huwa paċifiku bejn il-partijiet li r-rikorrent ma jpoġġix fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Aman Dimashq. Barra minn hekk, mill-kuntratt ta' xogħol ta' B. Assi, tal-4 ta' Ottubru 2017 u prodott mir-rikorrent, ġertament jirriżulta li l-pożizzjoni okkupata minnu bħala amministratur ta' proġetti hija eżerċitata taħt ir-responsabbiltà, b'mod partikolari, tal-kap tad-diretturi eżekuttivi ta' Aman Holding. Madankollu, la d-Dokumenti WK 47/2019 INIT u WK 3600/2020 REV 1 u lanqas is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Kunsill ma jistabbilixxu li kienet teżisti rabta ta' superviżjoni bejn ir-rikorrent u B. Assi fil-kuntest tat-tmexxija tal-proġett Marota City fid-data tal-adozzjoni tal-atti kkontestati. Għaldaqstant, il-Kunsill ma weriex li l-funzjonijiet li r-rikorrent jokkupa fi ħdan Aman Holding jinkludu l-eżerċizzju ta' responsabbiltajiet deċiżjonali fil-kuntest tas-sehem maġġoritarju ta' Aman Holding fi ħdan il-Bord tad-Diretturi ta' Aman Dimashq.
- 104 Minn dan isegwi li l-element tar-raġunijiet tal-atti kkontestati relatat mal-parteċipazzjoni tar-rikorrent, bħala Viċi President ta' Aman Holding, fil-proġett Marota City ma huwiex fondat.

– *Fuq ir-rabtiet tar-rikorrent ma' S. Foz*

- 105 Preliminarjament, għandu jitfakk, hekk kif ġie indikat fil-punt 53 iktar 'il fuq, li t-tieni sentenza tar-raġunijiet għall-inklużjoni u għaż-żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni, li skontha huwa "[f]il-kapaċità tiegħu, huwa marbut ma' Samer Foz", tista' tintiehem biss b'riferiment għall-ewwel sentenza li, min-naħa tagħha, tirreferi għall-attivitajiet eżerċitati mir-rikorrent, b'mod partikolari għall-istatus tiegħu ta' azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman u għall-istatus tiegħu ta' Viċi President ta' Aman Holding. Minn dan għandu jiġi dedott li r-rabtiet li r-rikorrent għandu ma' S. Foz, fil-kuntest tal-attivitajiet professjonali tiegħu, tqiesu, mill-Kunsill, bħala prova li tippermetti li jiġi stabbilit l-istatus tiegħu ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li isem S. Foz ġie inkluż, imbagħad inżamm, fil-linja 278 tat-Taqsima A tal-listi inkwistjoni, minħabba, minn naħħa, l-istatus tiegħu negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja u, min-naħa l-oħra, l-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim Sirjan, konformement mal-kriterji mfakkra fil-punt 52 iktar 'il fuq.

- 106 Sussegwentement, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-proximità qariba tar-rikorrent ma' S. Foz tissemma fl-artikli tas-siti internet “aawsat.com”, li jiddeskrivh bħala d-Direttur tal-Uffiċċju tiegħu, u “meirss.org”, li jirriżultaw mid-Dokument WK47/2019 INIT. Barra minn hekk, mill-artiklu tas-sit internet “Eqtsad News”, prodott fil-kuntest tad-Dokument WK 3600/2020 REV 1, jirriżulta li r-rikorrent huwa sieħeb kummerċjali ta' S. Foz.
- 107 Fit-tieni lok, hemm lok li jitfakkar li, fil-punt 99 iktar 'il fuq, ġie stabbilit li r-rikorrent ma huwiex Viċi President ta' Aman Holding. Barra minn hekk, huwa pproduċa ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' Aman Holding, iddatat Settembru 2019, u skambju ta' korrispondenza li seħħ bejn u l-imsemmija kumpannija, li juru li mit-22 ta' Jannar 2019 huwa ma kienx għadu jokkupa l-funzjoni ta' kap tad-diretturi eżekuttivi ta' Aman Holding.
- 108 Minn dan jirriżulta li, fir-rigward tal-atti inizjali, ir-rabtiet eżistenti bejn ir-rikorrent u S. Foz huma limitati għall-fatt li r-rikorrent kien soċju maġġoritarju fi Fly Aman. Waqt is-seduta, ir-rikorrent sostna li Fly Aman ġiet stabbilita fuq ordni ta' S. Foz u li l-istabbiliment ta' din il-kumpannija seħħ fil-kuntest tar-relazzjoni professjonali tiegħu, peress li S. Foz kien dak iż-żmien il-persuna li timpiegah. Issa, il-Kunsill ma pproduċiex, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 46 iktar 'il fuq, fil-kuntest tad-Dokument WK 47/2019 INIT, indizji suffiċċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li jistgħu jissostanzjaw b'mod suffiċċjenti li r-rabta eżistenti bejn ir-rikorrent u S. Foz kienet teċċedi l-unika relazzjoni professjonali li tista' teżisti bejn persuna li timpjega u l-impiegat tagħha, b'mod li jista' jiġiustifika li jitqies li r-rikorrent, assoċjat ma' S. Foz, huwa negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja.
- 109 Fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2019 u dawk tal-2020, għandu jiġi rrilevat li, peress li r-rikorrent ma kienx iktar azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman mix-xahar ta' Frar 2019 u rriżenja mill-pożizzjoni tiegħu ta' kap tad-diretturi eżekuttivi ta' Aman Holding, ir-rabtiet privileġġjati li huwa kellu eventwalment ma' S. Foz minħabba tali status ma għadhomx, fi kwalunkwe każ, ipprovati. Għaldaqstant, il-Kunsill jonqos milli jistabbilixxi li r-rikorrent, minħabba l-attivitajiet professjonali tiegħu, għandu rabtiet ma' S. Foz.
- 110 Konsegwentement, fl-atti kkontestati, il-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq ir-rabtiet bejn ir-rikorrent u S. Foz sabiex juri l-istatus ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja tar-rikorrent.
- *Fuq it-twaqqifta' Asas Iron Company*
- 111 Fir-rigward tal-element il-ġdid tar-raġunijiet li jinsab fl-atti ta' żamma tal-2020, mill-artikli tas-siti internet “Eqtsad News” u “Aliqtisadi”, li joriġinaw mid-Dokument WK 3600/2020 REV 1, jirriżulta li r-rikorrent huwa, rispettivament, membru fundatur u membru tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija Assas lil-Hadid. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif isostni r-rikorrent, is-sunti tal-artikli ta' dawn is-siti internet, imwettqa mill-Kunsill, jindikaw l-isem “Asas Iron Company” minflok “Assas lil-Hadid”. Madankollu, din hija tassew l-istess kumpannija. Fil-fatt, l-ewwel isem huwa t-traduzzjoni bl-Ingliż tat-tieni isem, li jikkorrispondi għall-isem Għarbi tal-entità. L-istatuti ta' Asas Iron Company irratifikati mir-rappreżentant tal-fundaturi tagħha u mill-Ministeru għall-Kummerċ Intern u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi Sirjan kif ukoll iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' Asas Iron Company tas-6 ta' Novembru 2019, prodotti mir-rikorrent, jikkonfermaw il-korrispondenza ta' dawn iż-żewġ ismijiet.

- 112 Sussegwentement, ir-rikorrent jikkontesta li huwa membru fundatur ta' Asas Iron Company. Huwa jsostni li qatt ma kien il-fundatur u lanqas il-proprietarju ta' din il-kumpannija u li huwa qatt ma kien involut b'mod ieħor fiha u lanqas marbut magħha, peress li huwa ma jagħmlx parti mill-korpi ta' ġestjoni u ta' tmexxija tagħha.
- 113 F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jiproduċi ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u l-istatuti ta' Asas Iron Company li fihom ismu ma jidhix. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5 tal-imsemmija statuti, il-proprietarji ta' Asas Iron Company huma E u F. Huma għandhom 500 sehem kull wieħed, li jirrappreżentaw 50 % tal-ishma totali tal-impriża, b'valur ta' SYP 1.5 biljun ta' (madwar EUR 3.03 miljun). Barra minn hekk, skont l-istatuti ta' Asas Iron Company, il-kapital jammonta għal SYP 3 biljun (madwar EUR 6.06 miljun), li jikkorrispondi wkoll għall-ammont inkluż fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija kumpannija. Għaldaqstant, ir-rikorrent wera b'mod validu li huwa ma kienx il-fundatur ta' Asas Iron Company.
- 114 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi invalidata mill-argument tal-Kunsill intiż li jikkontesta r-rilevanza tal-istatuti ta' Asas Iron Company u taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni prodotti mir-rikorrent, billi jsostni, essenzjalment, li dawn il-provi jixhud li, mis-6 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent ma kienx għadu wieħed mill-proprietarji tal-kumpannija. Huwa jsostni li, permezz tar-Riżoluzzjoni Nru 832, tad-19 ta' Marzu 2019, tal-Ministeru għall-Kummerċ Intern u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi Sirjan, prodotta mir-rikorrent, il-forma ġuridika tal-kumpannija nbidlet. Asas Iron Company, li kienet kumpannija uninominali b'responsabbiltà limitata, għaldaqstant saret il-kumpannija b'responsabbiltà limitata Asas Iron Company, wara li d-detentur tal-kapital ittrasferixxa 50 % tal-ishma tiegħu. Issa, l-istatuti ta' Asas Iron Company u ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jippermettux li tiġi kkonfermata l-identità tal-azzjonisti fundaturi ta' Asas Iron Company bejn id-data tal-istabbiliment ta' din il-kumpannija, it-30 ta' Marzu 2017, u d-data tar-Riżoluzzjoni Nru 832, jiqifieri qabel il-bidla fil-forma ġuridika tal-kumpannija. Fi kliem ieħor, il-Kunsill jallega li r-rikorrent seta' kien irregżistrat bħala uniku soċju fundatur tal-kumpannija uninominali b'responsabbiltà limitata qabel ma ttrasferixxa l-ishma tiegħu, sabiex ma jibqax jidher fid-dokumenti uffiċjali relatati ma' Asas Iron Company, mingħajr ma jiproduċi provi li jissostanzjaw l-argument tiegħu.
- 115 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, anki jekk jitqies li r-rikorrent kien verament il-fundatur ta' Asas Iron Company, mid-dokumenti li huwa pproduċa jirriżulta li, fid-data tal-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2020, huwa ma kienx għadu marbut mal-imsemmija kumpannija.
- 116 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrent wera b'mod validu li, fid-data tal-adozzjoni tal-atti ta' żamma tal-2020, minn naħħa, huwa ma kellu l-ebda sehem f'Asas Iron Company u, min-naħħa l-oħra, ma kienx indikat bħala membru fundatur ta' din il-kumpannija.
- 117 Għaldaqstant, il-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq il-kwalità ta' membru fundatur ta' Asas Iron Company tar-rikorrent sabiex iqis lil dan tal-aħħar bħala negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitàajiet tiegħu fis-Sirja.
- *Konklużjoni dwar l-istatus ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitàajiet tiegħu fis-Sirja tar-rikorrent*
- 118 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-atti inizjali, għandu jiġi konkluż mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha li l-Kunsill ipproduċa sensiela ta' indizzi suffiċċientement konkreti, preċiżi u konkordanti li jippermettu li jiġi stabbilit li r-rikorrent kien azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman.

Għall-kuntrarju, il-Kunsill wettaq żbalji materjali meta inkluda isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni minħabba l-istatus tiegħu ta' Viċi President ta' Aman Holding, peress li, hekk kif jirriżulta mill-punt 98 iktar 'il fuq, ir-rikorrent wera li huwa kien kap tad-diretturi eżekuttivi ta' din il-kumpannija. Konsegwentement, peress li ma huwiex Viċi President ta' Aman Holding, ir-rikorrent ma jipparteċipax, abbażi ta' tali funzjonijiet, fil-proġett Marota City u ma għandux rabtiet ma' S. Foz. Barra minn hekk, il-Kunsill ma weriex, permezz ta' indizji suffiċċientement konkreti, preċiżi u konkordanti, ir-rabta bejn l-istatus ta' azzjonist maġġoritarju fi Fly Aman tar-rikorrent u S. Foz.

- 119 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2019, minbarra l-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punt 118 iktar 'il fuq, il-Kunsill wettaq żball materjali peress li r-rikorrent wera li huwa ma kellux iktar ishma fil-kapital ta' Fly Aman mill-14 ta' Frar 2019. Konsegwentement, ir-rikorrent ma kellux rabtiet ma' S. Foz f'dan ir-rigward.
- 120 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2020, minbarra l-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punti 118 u 119 iktar 'il fuq, il-Kunsill wettaq żball materjali inkwantu r-rikorrent ipproduċa l-prova, minn naħħa, li huwa ma kelle ebda sehem f'Asas Iron Company u, min-naħħa l-oħra, li huwa ma kienx membru fundatur ta' din il-kumpannija.
- 121 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, kuntrajament għar-raġunijiet għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inklużi fl-atti inizjali, ir-rikorrent ma għandux "interassi u attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja". Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 118 iktar 'il fuq, il-Kunsill huwa biss f'pożizzjoni li juri li, fir-rigward tal-atti inizjali, ir-rikorrent għandu interassi fi Fly Aman, fatt li huwa insuffiċjenti sabiex jiġi ssodisfatt il-kriterju ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja. Barra minn hekk, fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2019 u tal-atti ta' żamma tal-2020, il-Kunsill ma rnexxilux juri li r-rikorrent kelli, fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmija atti, l-istatus ta' negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja. Għaldaqstant, l-ewwel raġuni għal inklużjoni ma hijiex issostanzjata biżżejed.
- 122 Jeħtieġ, għalda qstant, li tiġi eżaminata t-tieni raġuni għal inklużjoni.

Fuq l-assoċjazzjoni mar-reġim Sirjan.

- 123 Preliminjament, għandu jiġi rrilevat li mill-atti inizjali u mill-atti ta' żamma tal-2019 jirriżulta li r-rikorrent jappoġġja lir-reġim Sirjan u jibbenefika minnu minħabba l-funzjoni tiegħu ta' Viċi President ta' Aman Holding, filwaqt li, skont l-atti ta' żamma tal-2020, huwa jagħmel dan minħabba l-attivitajiet u l-interassi kollha li huwa għandu, hekk kif imsemmija fil-raġunijiet għal inklużjoni.
- 124 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-raġunijiet li għalihom ir-rikorrent huwa meqjus, mill-Kunsill, bħala li jappoġġja lir-reġim Sirjan u bħala li jikseb vantaġġ minnu huma, esenzjalment, l-istess bħal dawk li wassluh sabiex iqis u bħala negozjant prominenti li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-Sirja.
- 125 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakk li ma jistax jiġi eskluż li, għal persuna speċifika, ir-raġunijiet għal inklużjoni jikkoinċidu sa' ċertu punt, fis-sens li persuna tista' tiġi kklassifikata bħala negozjanta prominenti li teżerċita l-attivitajiet tagħha fis-Sirja u titqies bħala li tibbenefika, fil-kuntest tal-attivitajiet tagħha, mir-reġim Sirjan jew bħala li tappoġġjah permezz ta' dawn l-istess attivitajiet. Dan jirriżulta preċiżament mill-fatt li, hekk kif huwa stabbilit fil-premessa 6

tad-Deċiżjoni 2015/1836, ir-rabtiet mill-qrib mar-reġim Sirjan u l-appoġġ lilu mogħti minn din il-kategorija ta' persuni huma waħda mir-raġunijiet li ġħalihom il-Kunsill iddeċieda li joħloq din il-kategorija. Xorta waħda jibqa' l-fatt li dawn huma, anki f'dan il-każ, kriterji differenti (sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, Kaddour vs Il-Kunsill, T-510/18, EU:T:2020:436, punt 77).

- 126 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-atti inizjali u tal-atti ta' żamma tal-2019, għandu jiġi dedott mill-konklużjonijiet fil-punti 99 u 104 iktar 'il fuq, li, peress li r-rikorrent ma kienx Viċi President ta' Aman Holding fid-data tal-adozzjoni tal-atti kkontestati, huwa ma jistax jitqies bħala li jibbenefika mir-reġim Sirjan f'dan ir-rigward, u lanqas li jappoġġjah minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fil-proġett Marota City.
- 127 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-atti ta' żamma tal-2020, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, l-ewwel, fil-punt 126 iktar 'il fuq, ir-rikorrent ma jistax jitqies bħala li jibbenefika mir-reġim Sirjan minħabba l-istatus tiegħu ta' Viċi President ta' Aman Holding. It-tieni, mill-artiklu tas-sit internet "7al.net" jirriżulta li r-rikorrent stabbilixxa kumpannija tal-ajru filwaqt li, fis-Sirja, is-settur tal-avjazzjoni ċivili jbati minn diffikultajiet kbar fid-dawl tal-operazzjonijiet militari li kellhom bħala konsegwenza l-waqfien tat-traffiku turistiku u l-waqfien tas-servizzi fi ħdan ċerti ajruporti. Madankollu, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet, fil-punt 96 iktar 'il fuq, li r-rikorrent ma għadux azzjonist maġġoritarju ta' Fly Aman. Barra minn hekk, minn ebda waħda mill-provi inklużi fid-Dokumenti WK 47/2019 INIT u WK 3600/2020 REV 1 ma jirriżulta li r-rikorrent jibbenefika, fil-kwalità tiegħu ta' azzjonist maġġoritarju u sussegwentement ta' ex azzjonist maġġoritarju tal-imsemmija kumpannija, mir-reġim Sirjan u lanqas li huwa jappoġġjah.
- 128 Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-Kunsill ma pproduċiex sensiela ta' indizji konkreti, preċiżi u konkordanti li jistgħu juru l-fatt li r-rikorrent jappoġġja lir-reġim Sirjan u/jew jikseb vantaġġ minnu. Għaldaqstant, it-tieni raġuni għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni minħabba l-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim Sirjan ma hijiex suffiċċientement issostanzjata, b'mod li l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent ma hijiex fondata fir-rigward tal-atti kkontestati.
- 129 Għaldaqstant, l-ewwel motiv tar-rikors għandu jiġi milquġħ u, għaldaqstant, l-atti kkontestati għandhom jiġu annullati inkwantu dawn jikkonċernaw lir-rikorrent, mingħajr ma huwa neċċesarju li jiġu eżaminati t-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt motiv imressqa insostenn tar-rikors.

[omissis]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/87 tal-21 ta' Jannar 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/85 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/806 tas-17 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/798 tas-17 ta' Mejju 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl**

tas-sitwazzjoni fis-Sirja, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/719 tat-28 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/716 tat-28 ta' Mejju 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, huma annullati inkwantu dawn jikkonċernaw lil Khaldoun Al Zoubi.

2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Gervasoni

Madise

Martín y Pérez de Nanclares

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Novembru 2021.

Firem